**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**CHAIRPERSON**

**Rikors numru 82/2005**

**Joseph Pavia [K.I. nru 219941M] u martu Helen Pavia [K.I. nru 644643M] u wliedhom Ronald Pavia [K.I. nru 494265M] u martu Susan [K.I. nru 260168M], Edwin Pavia [K.I. nru 427967M] u martu Marcon [K.I. nru 184064M], Annabelle Pavia [K.I. nru 195173M] u Mariella Xuereb Pavia [K.I. nru 5947M]**

**vs**

**Joseph u Mary konjugi Grima u b'digriet tal-Bord tal-20 ta' Mejju 2009 wara l-mewt ta' Joseph Grima l-atti kienu trasfuzi f'isem Mary Grima u b'digriet tal-Bord tad-19 ta' Novembru 2009 wara l-mewt taghha l-atti kienu trasfuzi f'isem**

**Josephine Azzopardi, Lucy Vella, Pauline Aquilina u Anna Debono.**

**Illum 16 ta' Gunju 2016**

Il-Bord:

Ra r-rikors tar-rikorrenti li jghid hekk:

> Illi l-esponenti jikru l-fond numru 8, fi Sqaq numru 1, f'Tumas Fenech Street, Birkirkara lill-intimati bil-kera ta' tmien liri (Lm8) fis-sena li jithallsu kull sena bil-quddiem bl-iskadenza li jmiss taghlaq l-31 ta' Lulju, 2006.
>
> Illi l-intimati wettqu jew ippermettew li jitwettqu xogholijiet u alterazzjonijiet strutturali u tibdiliet ohrajn fil-fond mikri minghajr il-kunsens tal-esponenti u dana bi hsara sostanzjali kemm ghall-fond surreferit u kif ukoll ghall-fondi adjacenti u konsegwentement ghad-drittijiet tal-istess esponenti, partikolarment wara 'encroachment' fuq il-plot adjacenti bin-numru 10.
>
> Illi interpellati sabiex jaghmlu x-xogholijiet rimedjali mehtiega l-intimati baqghu inadempjenti.
>
> Ghaldaqstant in vista tal-premess u tal-provi kollha li ser jingiebu waqt is-smiegh tal-kawza l-esponenti jitlob bir-rispett li dan l-Onorabbli Bord joghgbu jawtorizza r-ripreza tal-fond 'de quo' da parti tas-sidien u jipprefiggi terminu qasir u perentorju ghall-izgumbrament tal-fond da parti tal-inkwilin.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 16 ta' Lulju, 2005 kontra l-intimati.

Ra wkoll ir-risposta tal-intimati li tghid hekk:

1. Illi t-talba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda u dan billi hi infondata fil-fatt u fid-dritt hekk kif ser jirrizulta waqt il-kawza.

2. Illi l-intimati m'ghamlu l-ebda xogholijiet minghajr kunsens u ma kkagunaw l-ebda hsara fil-fond mikri kif qed jallegaw r-rikorrenti.

3. Illi l-allegazzjonili l-intimati kienu gew interpellati biex jaghmlu xi xoghol rimedjali hija inveritiera.

Bl-ispejjez kontra taghhom.

Ra l-atti kollha tal-kawza;

Ra illi fil-11 ta' Dicembru 2013 il-partijiet ghamlu s-sottomissjonijiet finali taghhom u l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ra illi fis-seduta tad-19 t'Ottubru 2015, il-kawza thalliet ghall-finali trattazzjoni quddiem il-Bord diversament presedut ghad-09 ta' Novembru 2015;

Sema' trattazzjoni mir-rikorrenti fis-seduta tad-09 ta' Novembru 2015 u l-kawza thalliet ghas-sentenza;

Ra d-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza u qies il-provi kollha prodotti;

Ikkunsidra:

Illi fis-seduta tat-18 ta' Novembru 2013, l-intimati prezentaw nota b'kopja ta' l-ahhar cedola ta' depozitu tal-kera li saret kif ukoll cedola ta' depozitu tac-cwievet tal-fondi mertu tal-kawza;

Illi l-verbal tas-seduta tal-11 ta' Dicembru 2013 jghid illi: "Il-partijiet qablu li l-mertu llum hu ezawrit wara depozitu tac-cwievet tal-fond li jistghu jkunu liberament irtirati bla kondizzjoni mir-rikorrenti. L-istess rikorrenti izda jitlob li tinghata sentenza dwar il-kap tal-ispejjez".

Illi mill-provi prodotti mir-rikorrenti l-kaz taghhom gie ampjament pruvat.

Illi in oltre c-cedola ta' depozitu tal-kera u dik tad-depozitu tac-cwievet tal-fondi li saru mill-intimati minghajr ebda kundizzjoni huma ammissjoni tat-talbiet attrici da parti tal-intimati.

Illi l-intimati fil-fatt ma ressqu l-ebda provi rigwardanti l-kap ta' l-ispejjez.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Bord  jaqta' u jiddeciedi li l-ispejjez tal-kawza odjerna ghandhom ikunu sopportati mill-intimati.

**(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.**

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur